**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

2 ta' Marzu, 2021

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 8/25

Laqgħa tal-Kunsill Lokali
Naxxar

## LAQGĦA B'URĠENZA

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali b'urġenza li se tinżamm permezz tas-sistema *Zoom Meetings* nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu 2021 fil-5:00 ta' filgħaxija. Il-ħin kien maqbul mill-Kunsillieri kollha.

*(IFFIRMATA)*

Paul Gatt

Segretarju

Eżekuttiv

---

<u>AĠENDA</u>

1 Mozzjoni biex il-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tal-art madwar il-Mitħna tal-Għaqba. (mozzjoni annessa).

- *Pawsa għall-preparazzjoni tal-minuti*

*2* Qari u approvazzjoni tal-minuti ta' din il-laqgħa.

2 ta' Marzu 2021

Is-Sindku tipproponi,

Wara li l-Kunsill Lokali Naxxar ilu jiddiskuti u jipprova jikseb l-art ta' biswit il-Mitħna tal-Għaqba, u wara rakkomandazzjoni fl-1 ta' Marzu 2021 mill-Awtorità tal-Artijiet biex il-Kunsill japplika formalment għad-devoluzzjoni, il-Kunsill qiegħed b'dan japprova formalment li ssir it-talba għall-amministrazzjoni tal-imsemmija propjetà pubblika (devoluzzjoni) għall-iskopijiet li ġejjin:

1) Sabiex ikun hemm *buffer zone* adekwata mad-dawra tal-Mitħna, liema *buffer zone* għandha l-iskop li:
    a. Tipproteġi l-istruttura tal-mitħna li qed tiġi restawrata b'fondi Ewropej u lokali. Fil-preżent hemm il-ħamrija, materjal u kull tip ta' imbarazz li jintefa matul iż-żmien li litteralment imiss mal-mitħna.
    b. Issir rampa biex ikun hemm aċċessibilità aħjar għall-mitħna minħajr il-ħtieġa li jintuża platform lift. B'dan persuni bi problemi ta' mobilità jkunu aktar indipendenti.
2) Sabiex noffru spazzju għall-kwiet u ta' rilassament għall-pubbliku fin-natura, speċjalment lill-viżitaturi tal-mitħna u lill-eluf ta' żgħażagħ li jattendu l-iskejjel fil-viċin. Dan japplika l-aktar għall-istudenti tal-iskola Għolja, Giovanni Curmi, li jkollhom lezzjonijiet f'ħinijiet differenti.
3) Sabiex telimina l-possibiltà li l-art tintuża biex jintefa skart u imbarazz kif spiss kien qiegħed jiġri għal sena wara l-oħra.
4) Sabiex il-Kunsill joffri livell għola ta' kwalità lit-turist li eventwalment jiġi jżur il-mitħna.
5) Sabiex il-wirt kulturali jkun protett mhux biss strutturalment iżda wkoll viżwalment.

Tant il-Kunsill jemmen f'dan li diġà approva u kkommetta biex jixtri parti minn art li tmiss fuq in-naħa tax-xelluq tal-mitħna mingħand terzi (art privata). Dan propju għall-istess skopijiet imsemmija fuq.

Jissekonda l-Kunsillier Marlon Brincat